MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tat-8 ta' April, 2010

Numru 511/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Agius)**
**vs**
**Anthony Edwards**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Anthony Edwards** ta’ 20 sena, bin Graeme Robert Edwards u Isabelle nee’ Agius, imwieled Pieta nhar it-12 ta’ Lulju, 1985 u residenti 13, Morroni Street, Gzira u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 404685M;

Talli nhar l-4 ta’ Mejju, 2006 ghall-habta ta’ 18.00hrs f’Marsaxlokk, minghajr il-hsieb li toqtol jew li tqieghed il-hajja ta’ Adrian Schembri minn Hal-Qormi, f’periklu car, ikkagunajt offiza fuq il-persuna ta’ l-istess Adrian Schembri, liema offiza iggib mankament jew sfregju jew

feriti per durata kif iccertifikat Dr. Agnes Cachia tat-taqsima tal-emergenza ta’ SLH;

Akkuzat ukoll talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi, volontarjament ksirtu l-bon ordni u l-kwiet tal-pubbliku bl-ghajjat u glied.

F’kaz ta’ htija l-Qorti hija gentilment mitluba tapplika l-provediment tal-Art 383 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta a favur ta’ l-istess Adrian Schembri.

Rat il-kunsens tal-avukat generali u n-nuqqas ta' oggezzjoni tal-imputat sabiex il-kaz kontra tieghu ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja;

Semghet il-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti in succint li taw lok ghal dan il-kaz huma s-segwenti: L-imputat kien qed johrog ma’ certu Pricilla Bonello li ghandha tarbija minn certu Adrian Schembri, l-kwerelant. Dan tal-ahhar kien recentement qed jibghat messaggi fuq it-telefon tieghu lil Bonello dwar kwistjoni ta’ paternita’. Meta l-kwerelant mar jara lit-tarbija tieghu fejn toqghod Bonello qallu biex ma jibghatilhiex aktar messaggi izda l-kwerelant qallu li jekk irid ikellem lil Bonello dwar binthom hekk kien ser jaghmel u l-imputat tah daqqa ta’ ponn u xehtu mal-art bil-konsegwenza li garrab ksur f’imniehru u feriti ohra f’wiccu deskritti bil-mod segwenti fuq ic-certifikat mediku esebit a fol 10: “Trauma to nose with deviation to the right. Nasal fracture on X-ray. Laceration on nasal bridge vertically about 2cm in length and surrounding abrasion”. Oltre dan, il-kwerelant spicca bin-nuccali mkisser u sa kemm wasal biex jiddeponi kellu nofs wiccu ma kienx jista’ jhossu. Gimghatejn wara l-incident kellu jiddahhal l-isptar ghall-intervent.

Omm Bonello xehdet illi hi kienet semghet lill-kwerelant jghid lill-imputat: “hemm x’ha turini l-karta s-safra?” u l-imputat tah daqqa ta’ ponn (fol 44). Il-kwerelant kellu ordni biex ma jkellimx lit-tifla izda kien qed jibghatilha l-messaggi fuq it-telefon u ma kienx qed ihossu komdu meta l-imputat beda jidhol id-dar tal-ex tfajla tieghu. Din ix-xhud u zewgha qalu li l-feriti li kienu murija fir-ritratti Dok JA3 mhux kollha kienu fuq il-kwerelant ghax kullma kellu kienet il-qasma tan-nuccali.

L-imputat jghid li dakinhar wissa lill-kwerelant biex ma jibqax jibghat messaggi lit-tfajla tieghu u fakkru fil-ftehim li kellu biex jekk jinqala’ xi haga jghid lill-ommha. Dak il-hin rah idahhal idu fil-but u qabad u tah daqqa ta’ ponn, waqqghu mal-art u telaq ‘l hinn u dan ghaliex beza li seta kellu arma fil-but.

Ikkunsidrat:

Illi mill-asjem tal-provi rakkolti, l-Qorti ma taqbilx mad-difiza meta tghid li kien hemm element ta’ provokazzjoni jew li seta kien hemm eccess ta’ legittima difeza. L-*iter* tal-kaz ma jimmeritax ezami tal-fatti fuq din il-linja difensjonali ghaliex la tirrizulta xi forma minima ta’ provokazzjoni u wisq anqas raguni ghaliex l-imptuat kellu jerfa idejh b’dak il-mod jekk mhux biex jaghti lezjoni lill-kwerelant. Il-Qorti ma tarax ghaliex ghandha tezamina u ticcita awturi f’dan ir-rigward tenut kont li d-difiza stess ssottomettiet illi l-imputat tah daqqa ta’ ponn biex iwarrbu u mhux biex jaghmillu aktar hsara minn hekk.

Il-feriti subiti mill-kwerelant huma minghajr dubju feriti gravi kif ravvizat fl-artikoli 216 (1) (a) (ii) u (iii) u ghal dawn il-mottivi ssibu hati tal-ewwel akkuza kif ukoll tal-akkuza kontravenzjonali ta’ ksur ta’ bon ordni.

Tajjeb li ikun puntwalizzat illi minn meta sehh dan l-incident, l-imputat zzewweg lil din it-tfajla u r-relazzjoni bejnu u bejn il-kwerelant, li talvolta tinvolvi ukoll lil din it-tfajla u t-tifla taghhom, hija wahda amikevoli u ma hemm ebda disgwid u glied bejnithom u dan ser jittiehed in konsiderazzjoni mill-Qorti meta tepura l-piena;

Ghalhekk wara li rat l-artikoli 216(1)(a)(ii) u (iii) u 338 (dd) tal-Kap 9 u wara li rat il-fedina penali nadifa tal-imputat, minflok li tikkundannah, qed tilliberah bil-kondizzjoni li ma jaghmilx rejat iehor sa zmien sena mil-lum skond l-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta. Stante li mhux aktar indikat, il-Qorti tastjeni milli tqieghed lill-imputat taht l-obbligazzjoni kontemplata fl-artikolu 383 tal-Kap 9 kif mitlub mil-prosekuzzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------